MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Avviz Numru. 736/2001/1

**Elmo Insurance Agency Limited, in rapprezentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Miller Distributors Limited u l-istess Miller Distributors Limited**

**vs**

**Reuben Pace**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fit-13 ta' Awissu 2001 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma komplessiva ta' tlett elef mitejn u erbgha u sittin lira hamsa u sittin centezmu (Lm3264.65c) [Lm2919.65c lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited nomine u Lm345 lis-socjeta' attrici Miller Distributors Limited] in linea ta' danni minnu kkagunati u minnhom sborsati insegwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Floriana fit-

30 ta’ Novembru 2000, meta waqt li huwa kien qed isuq vettura nru AAU 028 habat mal-vettura numru AAE 853 proprjeta’ tas-socjeta’ attrici Miller Distributors Limited u misjuqa minn Simon Paul Micallef – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident huwa kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta’ Marzu, 2001 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma’ l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bl-imghax legali mit-12 ta’ Marzu, 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-assikurat tal-attur Simon Paul Micallef li kien qed isuq il-vettura numru AAE 853 ikkontribwixxa sostanzjalment ghall-kollizzjoni minhabba l-mod traskurat u l-velocita’ qawwija li biha kien qed isuq tant li 4.5metri brakemarks baqa’ miexi, habat ma’ skip tal-hadid, spustjah u waqaf mieghu wara li kisser il-parti ta’ quddiem.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.
Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku li gara f’salib it-toroq bejn St Publius Street u St Thomas Street Floriana fit-30 ta’ Novembru, 2000, ghal habta tat-tlieta ta’ wara nofs-in-nhar (3:00p.m.). Involuti kien hemm il-karozza Toyota AAE 853 misjuqa minn Simon Paul Micallef, il-karozza Fiat AAU 028 misjuqa mill-konvenut u Diahatsu

DBB 031 li kienet ipparkjata fil-kantuniera ta' St Publius Street.

Irrizulta mill-provi li Simon Paul Micallef kien qed isuq Toyota *delivery van* f'St Publius Street. Meta wasal f'salib it-toroq naqqas il-velocita' tal-vettura tieghu u daqq il-horn, pero' baqa' ghaddej ghax id-dritta kienet tieghu. F'daqqa wahda minn fuq il-lemin harget karozza wara *stop sign* minghajr ma waqfet, laqtitu fuq in-nofs tal-gemb lemini u tefghatu fuq il-karozza Diahatsu pparkjata n-nahha l-ohra tat-triq. Ezatt wara d-Diahatsu kien hemm skip mimli gebel u l-van misjuq minn Simon Paul Micallef habat ukoll ma' dan l-iskip li caqalqu mill-posizzjoni tieghu.

Il-konvenut minn nahha l-ohra jghid li huwa gie nfaccat b'diffikultajiet partikolari meta wasal f'salib it-toroq, peress li hekk kif waqaf ezatt fuq l-stop sign ma setgha jara xejn, minhabba l-vetturi li jkun hemm ipparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq, ghalhekk huwa beda *"inching out",* bil-mod il-mod biex jesplora t-triq. Meta ra li ma kien gej hadd baqa' hiereg, izda f'daqqa wahda tfacca van misjuq b'velocita' qawwija u ma setghax jevita' l-incident.

Il-konvenut ighid testwalment *"peress illi ma kellix vista tajba fuq ix-xellug, bdejt hiereg bil-mod, 'inching out'. Rajt li minn fuq il-lemin tieghi t-triq kienet clear u l-istess fuq ix-xellug u komplejt hiereg."* (fol 60)

Ikkunsidrat:

Illi l-gharef difensur tal-konvenut fit-trattazzjoni tieghu argumenta illi l-konvenut sab ruhu f'sitwazzjoni ferm skabruza u difficli minhabba l-vetturi li kellu pparkjati fuq ix-xellug tieghu. Dawn il-vetturi kienu qeghdin jostakolaw il-vista u ghalhekk il-konvenut ma kellhux triq ohra hlief li johrog minn wara l-stop sign u jibda jesplora t-triq bil-mod il-mod. Di piu', minhabba l-vetturi pparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq, il-parti karregjabbli kienet limitata hafna, biex b'hekk kif sporga minn mal-linja tal-karozzi pparkjati, sab lil Simon Paul Micallef u gara l-incident.

Il-Qorti filwaqt illi tifhem illi l-konvenut setgha kellu xi diffikultajiet, jidhrilha pero' li dawn id-diffikultajiet setghu gew sorvolati b'daqsxejn aktar attenzjoni milli fil-fatt lest li jammetti l-konvenut. Minkejja illi setgha kellu xi diffikultajiet minhabba l-vetturi pparkjati fuq ix-xellug tieghu, b'daqshekk ma jfissirx li ma jistax jara van gej minn dik id-direzzjoni, darba li si tratta ta' vettura kbira u oghlja li l-prezenza taghha hija manifesta anke fit-tul.

Il-konvenut ipprova jiggustifika ruhu wkoll billi jghid li Simon Paul Micallef kien qed isuq b'velocita' eccessiva. Dana bl-ebda mod ma rrizulta. 4.5meters brake marks mhumiex xi affarijiet kbar u terga hu probabbli li kif spjega l-istess Simon Paul Micallef dawk il-brake marks jew tyre marks gew ikkawzati wara l-incident bit-tkaxkira tar-roti fid-direzzjoni tad-Diahatsu pparkjata. Lanqas ma huwa argument illi tghid illi l-iskip gie mbuttat xi metru 'l barra lejn it-triq, b'hekk tindika l-velocita' qawwija tat-Toyota. Ma hemmx dubbju l-iskip mimli gebel ghandu l-piz tieghu, pero' minnahha l-ohra anke van ghandu l-piz tieghu fejn allura jista' jaghti l-kaz li minhabba l-momentum li dan il-van lahaq iggenera, hu probabbli li setgha anke b'velocita' minima jcaqlaq l-iskip kif fil-fatt gara.

Minnahha l-ohra l-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fis-sewqan ta' Simon Paul Micallef. Ma hemmx dubbju li d-dritta kienet tieghu u ha l-prekawzjonijiet kollha necessarji meta avvicina l-inkrocju billi naqqas il-velocita' u daqq il-horn. Kien tort tal-konvenut li b'negligenza ma hax il-prekawzjonijiet kollha necessarji meta hareg minn go side road ghal fuq main road, fejn allura kien jinkombi fuqu attenzjoni aktar mis-soltu mehud in konsiderazzjoni d-diffikultajiet illi kien qieghed jiffaccja dak il-hin. Il-Qorti hija sodisfatta illi l-kawza prossima ta' dan l-incident kien is-sewqan traskurat da parti tal-konvenut illi qabad u hareg minn side street wara stop sign minghajr ma ha l-prekawzjonijiet kollha necessarji, liema prekawzjonijiet ma hemmx dubbju illi kienu jsalvaw dan l-incident. Il-Qorti jidhrilha illi l-vettura misjuqa minn Simon Paul Micallef kienet ben visibbli f'dawk ic-cirkostanzi. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-atturi ghandhom ragun fit-talba taghhom li timmerita konferma. Ghal dawk illi huma d-danni, gew

esebiti l-fatturi u l-ircevuti kollha necessarji sabiex jiggustifikaw it-talba attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghal incident illi gara fit-30 ta’ Novembru 2000, fl-inkrocju bejn St Publius Street u St Thomas Street Floriana, bejn il-vettura nru AAU 028 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru AAE 853 misjuqa minn Simon Paul Micallef u dana minhabba traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta’ tlett elef mitejn u erbgha u sittin lira hamsa u sittin centezmu (Lm3264.65c) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------